


# AĠENZJA EWROPEA GĦAD-DIFIŻA IL-HUB GĦALL-KOOPERAZZJONI FID-DIFIŻA TAL-UE



L-Aġenzja Ewropea għad-Difiża (AED), li nħolqot fl-2004 biex **tappoġġja u tiffaċilita l-kooperazzjoni fid-difiża** fl-Ewropa, saret il-post fejn il-pajjiżi li huma lesti biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom b'mod kollaborattiv jistgħu jagħmlu dan.



L-għarfien espert u l-attivitajiet tal-AED ikopru **l-ispettru sħiħ ta' kooperazzjoni**: mill-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti sat-twassil tal-kapaċitajiet operazzjonali; mir-riċerka u t-teknoloġija (R&T) u l-innovazzjoni sal-iżvilupp ta' dimostraturi teknoloġiċi; mit-taħriġ u l-eżerċizzji sal-appoġġ għall-operazzjonijiet tal-PSDK.



L-AED tikkomunika wkoll mill-qrib mal-**industrija tad-difiża Ewropea** biex ittejjeb il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ewropa u tgħin biex tagħmel l-industrija aktar b'saħħitha u kompetittiva.



Ir-rwol u l-impatt tal-Aġenzja **kibru b'mod kostanti**, speċjalment bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE (2016) li wasslet ukoll lill-Istati Membri biex isaħħu l-missjoni tal-Aġenzja fl-2017.



## Twaqqfet fl-2004

bħala Aġenzja tal-Kunsill tal-UE, ibbażata fi Brussell;



## 26 Stat Membru

(il-pajjiżi kollha tal-UE minbarra d-Danimarka);



Amministrata mill-Kap Eżekuttiv **Jiří Šedivý** taħt l-awtorità ta' **Josep Borrell**, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.



## +/- 180 impjegat


flimkien ma' netwerk ta' xi 2,500 espert nazzjonali;



## Arranġamenti Amministrattivi

man-Norveġja, l-Iżvizzera, is-Serbja, l-Ukrajna;

2004-2020



## Pjattaforma għall-kooperazzjoni fid-difiża tal-UE

› L-AED toffri pjattaforma għall-Istati Membri tagħha biex jinvolvu ruħhom fi proġetti ta' kapaċità multinazzjonali: mill-ippjanar, ir-riċerka u l-istandardizzazzjoni sal-iżvilupp, l-akkwist pubbliku u t-taħriġ;

› Żgħira u flessibbli, l-Aġenzija taħdem "à la carte": L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fuq bażi ta' każ b'każ jekk jipparteċipawx jew le fil-proġetti. L-AED bħalissa tamministra 'l fuq sew minn 100 programm u proġett ta' riċerka u kapaċità, u aktar minn 200 attività oħra relatati mal-iżvilupp tal-kapaċità, ir-riċerka u t-teknoloġija u l-industrija tad-difiża.



## Arkitett għall-prijoritajiet ta' kapaċità tal-UE

› Ir-rwol tal-AED bħala "strument ta' prijorizzazzjoni ewleni fil-livell tal-UE bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża" ġie kkonfermat mill-Istati Membri fl-2017. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-iżvilupp kollaborattiv ta' kapaċitajiet ikun iffukat fuq il-ħtiġijiet operazzjonali identifikati mill-Forzi Armati;

› L-Aġenzija tmexxi r-reviżjoni perġodika tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità (CDP) tal-UE li issa se jiggwida l-ippjanar tad-difiża nazzjonali tal-Istati Membri u jservi bħala referenza ewlenija għall-istrumenti tad-difiża tal-UE - kif ukoll l-Aġenda Strateġika Globali tar-Riċerka (OSRA) u l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin (KSA).



## Vuċi militari f'politiki oħra tal-UE

› L-AED ġiet inkarigata mill-Istati Membri biex tkun faċilitatur fil-konfront tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji tal-UE u biex taġixxi bħala interfaċċa militari sabiex jiġu sfruttati politiki usa' tal-UE għall-benefiċċju tad-difiża. L-Aġenzija taġġmel dan f'diversi oqsma: speċjalment bħala:

» interfaċċa militari fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-UE u l-politiki tas-sigurtà ċibernetika;

» implimentatur tal-Forum ta' Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Enerġija Sostenibbli fis-Settur tad-Difiża u s-Sigurtà (CF SEDSS);


» interlokutor għall-Istati Membri li jridu jimminimizzaw l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi (REACH) fuq id-difiża.



## Amministratur tar-riċerka dwar id-difiża tal-UE

› L-AED bħalissa timplimenta u tamministra l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) tal-Kummissjoni Ewropea li qiegħda tfejji t-triq għal Programm Ewropew għar-Riċerka dwar id-Difiża taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) tal-futur mill-2021;

› It-12-il grupp ta' Teknoloġija tal-Kapaċità (CapTechs) tal-Aġenzija jiġbru esperti mill-Istati Membri, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Permezz tagħhom, mill-2014, L-AED amministrat kważi 200 proġett ta' riċerka u teknoloġija.



## Il-ħolqien ta' taħriġ tal-UE għal aktar interoperabbiltà

› L-AED torganizza taħriġ/eżerċizzji multinazzjonali biex issaħħaħ l-interoperabbiltà bejn it-truppi u t-tagħmir militari tal-Istati Membri f'diversi oqsma bħal ħelikopters, trasport bl-ajru, il-Ġlieda Kontra l-Apparat Esplożiv Improvviżat (C-IED), is-simulazzjoni ta' taħriġ RPAS, id-difiża ċibernetika, l-Amministraturi tal-Enerġija tad-Difiża.



## Gwardjan tal-koerenza

› Mill-2016, l-UE daħlet fis-seħħ bosta għodod ġodda ta' kooperazzjoni fid-difiża tal-UE: il-Pjan rivedut ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF);

› Dawn l-istrumenti kollha huma interkonnessi; is-CDP jidentifika l-prijoritajiet ta' kapaċità, il-CARD jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kapaċitajiet eżistenti fl-Ewropa u jidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni; il-PESCO toffri għażliet ġodda dwar kif għandhom jiġu żviluppati kapaċitajiet prijorizzati b'mod kollaborattiv; u l-EDF jipprovdi finanzjament tal-UE għal proġetti ta' difiża kooperattiva;

› Biex l-istruttura kollha tkun tista' taħdem, l-għodod kollha jridu jingħaqdu u jinteraġixxu. L-AED għandha rwol ċentrali f'dan kollu: hija involuta f'kull waħda mill-inizjattivi ta' difiża ġodda, u tiżgura koerenza bejniethom, inkluż man-NATO.